# BASAL IL-ĦNIEŻER

*Charmaine Muscat*

Basal il-Ħnieżer hija pjanta komuni fil-gżejjer Maltin. Din tinstab kemm fl-għelieqi kkultivati kif ukoll fi nħawi mqallba. Din il-pjanta tifforma parti mill-familja kbira tal-*Liliaceae*. Normalment il-pjanti fil-familja tal-*Liliaceae* għandhom fjuri kkuluriti jew kbar biex jiġbdu lejhom l-insetti li fuq-hom jiddependu għad-dakra. Il-fjuri għandhom sitt petali u sitt stami li joħorġu minn taħt ovarju bi tliett taqsimiet.

Il-familja tal-*Liliaceae* tiġbor fiha pjanti li jibqgħu jgħixu matul ix-xhur sħan u nixfin tas-sajf billi jibqgħu reqdin taħt il-ħamrija f'forma ta' basla, wara li l-weraq u l-fjuri ta' fuq il-ħamrija jkunu nixfu u mietu. Basal il-Ħnieżer jippart-jeni għall-ġeneru *Muscari*. Dawn għandhom zokk prinċipali dritt, bil-fjuri kollha mdawrin miegħu u b'weraq ħerġin mill-basla. Hemm erba' speċi ta' basal il-ħnieżer li nsibu fil-gżejjer Maltin: *Muscari comosum*, li hija l-ispeċi l-komuni, *Muscari neglectum*, *Muscari commitatum*, u *Muscari parviflorum*. Tnejn minnhom mhumiex daqstant komuni u nsibuhom im-niżżlin fir-*Red Data* Book tal-gżejjer Maltin.

Il-basla ta' Basal il-Ħnieżer għandha forma interessanti ferm. Għandha zokk qasir ħafna li qatt ma jikber fuq wiċċ il-ħamrija. Il-weraq tal-basla huwa ssikkat ħafna ma' xulxin, tant li jgħatti lil xulxin. B'dan il-mod il-weraq ta' barra, li jkun mimli qxur u niexef, jipproteġi l-weraq ta' ġewwa li jkun oħxon u mimli ikel maħżun. Il-basla tfaqqas f'ħafna basal żgħir. Il-basla tippermetti lill-pjanta li tkompli tgħix fix-xhur kiefra tas-sajf u ttella' weraq ġdid fix-xhur addattati tar-rebbiegħa.

Fix-xhur tar-rebbiegħa, minn kull basla jitfaċċa zokk fuq wiċċ il-ħamrija twil bejn għoxrin u 60 ċentimetru, b'weraq twil u dritt mal-bażi tiegħu wiesa bejn 6 u 15-il millimetru. Miz-zokk joħorġu żewġ tipi ta' fjuri, dawk vjola u dawk kannella. L-iktar ħaġa li tispikka f'din il-pjanta huma l-ħafna fjuri vjola fit-tarf taz-zkuk b'mgħażel twal vjola mdawrin 'il fuq biex jif-furmaw bħal ballun tond iċċattjat minn fuq. Dawn il-fjuri ma jipproduċux żerriegħa, iżda xogħolhom hu li jattiraw l-insetti.

Il-fjuri kannella huma mxerrdin mal-bqija taz-zokk. Is-sitt petali huma forma ta' qanpiena. It-tul tal-fjura huwa minn 5 sa 7 milli-metri u qiegħdin fuq magħżel daqs jew ftit itwal mill-fjura. Dawn il-fjuri huma responsabbli għat-

tkattir ta' l-istess speċi. Kull fjura tirriproduċi kemm trab tad-dakra tar-raġel kif ukoll l-ovulu tal-mara. Din il-pjanta għandha l-kapaċita' li tkattar lilha nnifisha b'żewġ metodi: jew billi mill-basla joħroġ basal ieħor u minn kull basla toħroġ xitla (riproduzzjoni assesswali); jew billi l-parti femminili tal-fjuri jiddakkru mill-parti maskili u tirriżulta frotta li jkun fiha ż-żerriegħa (riproduzzjoni sesswali).

Fil-każ ta' Basal il-Ħnieżer, il-frotta hija mlaħħma u tonda madwar żerriegħa iebsa. Din il-pjanta narawha bil-fjuri bejn Marzu u Mejju.

Minn hawn naraw kif speċi tad-datta ruħha għall-ambjent li tkun qiegħda fih u kif tiżgura t-tkattir tagħha. ❑



*Ir-riproduzzjoni assesswali – mill-basla joħroġ basal ieħor*



*Il-basla tal-Basal il-Ħnieżer matul ix-xhur tas-sajf*

*BASAL ILĦNIEŻER bil-fjuri — komuni fil-gżejjer Maltin.*

A E Baldacchino

